MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 393/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Antoine Gilberti**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn tnejn u sittin Lira Maltin u erbghin centezmi (LM262.40) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1008268 in rigward ghal servizzi lilu resi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu, 2006 u Dicembru, 2006.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-27 ta' Frar, 2007 dawk tal-mandat ta' Sekwestruipprezentat kontestwalment ma dana l-att u bl- imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax  Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut  fil-1l ta’ Gunju,  2007 u l-fatt  li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------